PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0140(CNS)

18.12.2008

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
(COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Kathalijne Maria Buitenweg

Rapporteur(*):
Elizabeth Lynne, Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

(*) Kumitat Assoċjat – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali
(COM(2008)0426 – C6-0291/2008 – 2008/0140(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0426),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 13(1) tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0291/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0000/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk għandu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Is-Snin Ewropej tal-Persuni b'Diżabilitajiet fl-2003, ta' Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd fl-2007, u tad-	(4) Is-Snin Ewropej tal-Persuni b'Diżabilitajiet fl-2003, ta' Opportunitajiet Ugwali għal Kulħadd fl-2007, u tad-

Djalogu Interkulturali fl-2008 enfasizzaw il-persistenza ta' diskriminazzjoni iżda wkoll il-benefiċċji ta' diversità.	Djalogu Interkulturali fl-2008 enfasizzaw il-persistenza ta' diskriminazzjoni iżda wkoll ***il-ħtieġa li ssir promozzjoni tal-*** benefiċċji ta' diversità.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti legali fuq il-bażi ta' l-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, oriġini razjali u etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. ***B'mod partikolari***, d-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol ***għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali***. ***Madankollu, jibqgħu varjazzjonijiet bejn Stati Membri fuq il-livell u l-forma ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet lil hinn mill-oqsma ta' l-impjieg.***	(8) Il-Komunità adottat tliet strumenti legali fuq il-bażi tal-Artikolu 13(1) tat-Trattat tal-KE sabiex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, oriġini razjali u etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali. Dawn l-istrumenti wrew il-valur tal-leġiżlazzjoni fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. ***Id-Direttiva 2000/43/KE tistabbilixxi qafas kontra d-diskriminazzjoni li tkun ibbażata mill-oriġini razzjali jew etnika kemm fis-suq tax-xogħol u kemm barra minnu. Id-Direttiva 2004/113/KE tistabbilixxi qafas għat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi u l-foriment tagħhom.*** Id-Direttiva 2000/78/KE tistabbilixxi***, f'dak li għandu x'jaqsam ma' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali,*** qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali. ***Din ma tkoprix oqsma li jmorru lil hinn mill-iskop.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-direttiva tgawdi mill-esperjenza u mill-qafas legali tad-direttiva 2000/78/KE, u minn direttivi oħrajn kontra d-diskriminazzjoni.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dwak li għandom ħsarat fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi fuq perjodu twil li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-partċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni hija l-istess waħda li hemm fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li qiegħda tiġi rratifikata bħalissa.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 12 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Aċċess effettiv mhux diskriminatorju jista' jiġi pprovdut permezz ta' firxa ta' mezzi, inkluż permezz ta' 'disinn għal kulħadd' u permezz tal-iffaċilitar tal-użu ta' tagħmir ta' assistenza minn persuni b'diżabilità, fosthom apparat li jservi ta' għajnuna għall-mobilità u l-aċċess, bħal klieb rikonoxxuti li jservu ta' gwida u klieb oħrajn ta' assistenza.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 12 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) Fir-rigward tal-Artikolu 4, bidla tkun fundamentali jekk tbiddel il-prodotti jew servizzi jew in-natura tal-kummerċ, professjoni jew negozju sal-punt li dak li jipprovdi l-prodotti jew servizzi jkun qiegħed jipprovdi b'mod effettiv tip kompletament differenti ta' prodotti jew servizzi.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 13 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Fl-implimentazzjoni ta' din id-direttiva, meta jsir ġudizzju dwar ilmenti ta' diskriminazzjoni, għandu jkun hemm kuxjenza wiesa' kemm jista' jkun dwar id-diskriminazzjoni multipla, billi jitqiesu mhux biss ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, iżda wkoll il-ġeneru u l-oriġini razzjali u etnika.

Or. nl

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-individwi kollha jgawdu l-libertà li jikkuntrattaw, inkluż il-libertà li jagħżlu sieħeb kuntrattwali għal tranżazzjoni. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet ekonomiċi magħmula minn individwi li għalihom dawn it-tranżazzjonijiet ma jikkostitwixxux l-attività professjonali jew kummerċjali tagħhom.	***(16) Huwa importanti li d-drittijiet fundamentali jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għall-liberta tal-assoċjazzjoni. Huwa importanti wkoll, fil-kuntest tal-aċċess għall-merkanzija u s-servizzi u l-provvediment tagħhom, li tiġi rrispetta l-protezzjoni tal-ħajja privata u dik tal-familja u t-transazzjonijiet imwettqa f'dan il-kuntest;***

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Filwaqt li jipprojbixxu diskriminazzjoni, huwa importanti li jkunu rispettati drittijiet u libertajiet fundamentali oħrajn, inkluż il-protezzjoni tal-ħajja privata u familjari u tranżazzjonijiet imwettqa f'dak il-kuntest, il-libertà ta' reliġjon, u l-libertà ta' assoċjazzjoni. Din id-Direttiva hi bla ħsara għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari, inkluż fuq drittijiet riproduttivi. Hija wkoll bla ħsara għan-natura sekulari ta' l-Istat, l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta' l-istat, jew l-edukazzjoni.	***(17) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-aċċess għa ż-żwieġ. Madankollu, meta forom oħrajn ta' relazzjonijiet li jkunu differenti miż-żwieġ ikunu rikonoxxuti bħala ekwivalenti għaż-żwieġ mil-liġi nazzjonali, għandu japplika l-prinċipju tat-trattament ugwali. Hija wkoll bla ħsara għan-natura sekulari tal-Istat, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-istat, jew l-edukazzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żwieġ huwa att dikjaratorju u mhux prodott jew servizz. Għalhekk iż-żwieġ ma jidħolx fl-

ambitu ta' din id-Direttiva.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 20 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex jiġi determinat jekk il-miżuri inkwistjoni jirriżultawx f'piż sproporzjonat fir-rigward tal-artikolu 4, għandhom jitqiesu, b'mod partikolari, id-daqs u r-riżorsi tal-organizzazzjoni, in-natura tagħha, il-prezz estimat, il-ħajja tal-provvisti u servizzi u l-benefiċċji possibbli ta' aċċess miżjud għal persuni b'diżabilitajiet. Il-piż ma għandux ikun sproporzjonat meta huwa rimedjat biżżejjed minn miżuri eżistenti fil-qafas tal-politika ta' trattament ugwali tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 31 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) Fl-interpretazzjoni tat-tifsira tar-raġunijiet tad-diskriminazzjoni, il-qrati u t-tribunali għandhom iqisu l-istrumenti internazzjonali u Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi r-rakkomandazzjonijiet u l-każistika tal-organi superviżorji, bħall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu *sseħħ* bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.	3. Fastidju għandu jitqies bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens tal-paragrafu 1, meta kondotta mhix mixtieqa li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu *1 ssir* ***f'ambjent magħluq*** bl-iskop jew effett li tmur kontra d-dinjità ta' persuna u ta' ħolqien ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex naċċertaw li jkun hemm bilanċ tajjeb bejn in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-libertà tal-kelma, f'din id-Direttiva qiegħed jitqies biss il-fastidju li jsir f'ambjent magħluq.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Id-diskriminazzjoni bbażata fuq suppożizzjonijiet dwar ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna jew minħabba l-assoċċjazzjoni tagħha ma' persuni ta' reliġjon jew twemmin partikulari, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, għandha titqies bħala diskriminazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' paragrafu 1.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk***, fil-kuntest ta' liġi nazzjonali,*** huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. ***B'mod partikolari, din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-istabbiliment ta' età speċifika għall-aċċess għal benefiċċji soċjali, għal edukazzjoni u għal ċerti provvisti jew servizzi.***	6. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li differenzi fi trattament għal raġunijiet ta' età ma għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni, jekk huma ġustifikati minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi ta' ksib ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità *bħala*huwa fattur ***ewlieni*** fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika.	7. Minkejja l-paragrafu 2, fl-għoti ta' servizzi finanzjarji l-Istati Membri jistgħu jippermettu differenzi proporzjonati fi trattament fejn, għall-prodott ikkonċernat, l-użu ta' età jew diżabilità huwa fattur ***determinanti*** fl-evalwazzjoni ta' riskju bbażat fuq dejta preċiża attwarjali jew ta' statistika. ***L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u jassiguraw li tingħabar, tiġi ppubblikata u aġġornata b'mod regolari dejta preċiża relaventi għall-użu, dwar l-età jew diżabilità bħala fattur attwarjali. Dawk l-Istati Membri għandhom janalizzaw id-deċiżjoni tagħhom ħames snin wara d-data ta' traspożizzjoni u għandhom***

jikkomunikaw ir-riżultati ta' dik l-analiżi lill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tillimita l-possibilità għal differenzi fit-trattament għal fatturi determinanti u tobbliga li ssir ġustifikazzjoni pubblika dwar dawn id-differenzi fit-trattament, kif titlob ukoll id-Direttiva 2004/113/KE.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji *għal* sigurtà pubblika, għaż-żamma ta' l-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn.	8. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal miżuri ġenerali stabbiliti fil-liġi nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji ***u proporzjonati*** *għas*-sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' offiżi kriminali, għall-protezzjoni tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 1 - punt d – it-tieni sentenza

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Subparagrafu (d) għandu japplika għal individwi biss safejn ikunu qed iwettqu attività professjonali jew kummerċjali.	***Fl-applikazzjoni tas-subparagrafu (d), għandha tiġi rispettata l-ħajja privata tal-individwi.***

Or. nl

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal liġijiet nazzjonali dwar l-istat ċivili jew familjari u drittijiet riproduttivi.	***imħassar***

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea stqarret li tikkonferma biss diviżjoni fil-kompetenzi u li din ma titqiesx eċċezzjoni. Konferma tal-istatus quo bħal din għandha tkun fi premessa (ara emenda 6) iżjed milli f'artikolu.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu ***jipprovdu għal*** differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin.	3. Din id-Direttiva hija bla ħsara għar-responsabbiltajiet ta' Stati Membri għall-kontenut ta' tagħlim, attivitajiet u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom, inkluż l-għoti ta' edukazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jistgħu ***jikkonċedu*** differenzi fi trattament għal aċċess f'istituzzjonijiet edukattivi bbażati fuq reliġjon jew twemmin ***meta dawn jitolbu li l-individwu jaġixxu b'rieda tajba u b'lealtà lejn l-etos tal-organizzazzjoni, u m'għandhom jiġġustifikaw l-ebda diskriminazzjoni li ssir fuq bażi oħra***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni mhix ċara għalkollox dwar il-konfini tal-eċċezzjoni. L-emenda tikkjarifika li jista' jkun differenzi fit-trattament abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin, u mhux fuq bażi oħra. Tikkjarifika wkoll li dan jista' jkun iġġustifikat biss meta dan ikun meħtieġ biex jitħares l-etos tal-organizzazzjoni.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Din id-Direttiva ma tkoprix differenzi ta' trattament ibbażati fuq nazjonalità u hija bla ħsara għal dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju ta' Stati Membri, u għal kwalunkwe trattament li jinħoloq mis-sitwazzjoni legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat ikkonċernati.	5. Din id-Direttiva ma tkoprix differenzi ta' trattament ibbażati fuq nazjonalità u hija bla ħsara għal dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju ta' Stati Membri, u għal kwalunkwe trattament li jinħoloq mis-sitwazzjoni legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat ikkonċernati. ***Discrimination on the basis of religion or belief, disability, age or sexual orientation which is presented as a difference in treatment based on nationality shall be treated as discrimination within the meaning of Article 1.***

Or. nl

Amendment 20

Proposta għal
Article 4 – paragraph 1 – point a

Text proposed by the Commission	*Amendment*
a) Il-miżuri neċessarji li jippermettu li persuni b'diżabilitajiet ikollhom aċċess effettiv mhux diskriminatorju għal protezzjoni soċjali, vantaġġi soċjali, protezzjoni tas-saħħa, edukazzjoni u aċċess għal u provvista ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż	a) The measures necessary to enable persons with disabilities to have effective non-discriminatory access to social protection, social advantages, health care, education and access to and supply of goods and services which are available to the public, including housing**,**

akkomodazzjoni u trasport, għandhom ikunu provduti b'antiċipazzjoni, inkluż permezz ta' tibdil jew aġġustamenti xierqa. Dawn il-miżuri ma għandhomx jimponu piż sproporzjonat, u lanqas jirrikjedu tibdil fundamentali tal-protezzjoni soċjali, il-vantaġġi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, jew il-provvisti u s-servizzi kkonċernati, jew jirrikjedu l-istabbiliment ta' alternattivi għalihom.

telecommunication and electronic communications, information including information provided in accessible formats, financial services, culture and leisure, buildings open to the public, transport modes and other public spaces and facilities, shall be provided by anticipation, including through appropriate modifications or adjustments. ***Where discrimination arises from practice, policy or procedure, measures need to be taken so that it no longer has that effect.*** Such measures should not impose a disproportionate burden, nor require fundamental ***alterations to the nature of the goods, services, trade, profession or business in question***.

Or. en

Amendment 21

Proposta għal
Article 4 – paragraph 1 – point b a (new)

Text proposed by the Commission	*Amendment*
	(ba) For the purposes of paragraph 1, effective non-discriminatory access involves the identification and elimination of obstacles and barriers and the prevention of new obstacles and barriers that hamper the access of persons with disabilities to goods, services and facilities available to the general public, irrespective of the nature of the obstacles, barrier or disability. Subject to the provisions of this Directive, and regardless of the measures chosen to remove the obstacles or barriers, effective non-discriminatory access for persons with disabilities must be provided under the same terms and conditions as for persons without disabilities wherever possible. Where effective non-discriminatory access cannot be provided

under the same terms and conditions and subject to the provisions of this Directive, a meaningful alternative to ensure access must be provided.

Or. en

Amendment 22

Proposta għal
Article 4 – paragraph 3

Text proposed by the Commission	*Amendment*
3. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja jew regoli nazzjonali li jkopru l-aċċessibilità ta' provvisti jew servizzi partikolari.	3. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja jew regoli nazzjonali li jkopru l-aċċessibilità ta' provvisti jew servizzi partikolari. ***Madankollu, kull fejn ikun possibbli, l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex iħeġġu lil dawk li jipprovdu prodotti u servizzi, b'mod partikulari prodotti manifatturati, biex ifasslu soluzzjonijiet aċċessibbli, pereżempju permezz ta' prattiċi ta' akkwisti pubbliċi. Prodotti u servizzi aċċessibbli huma dawk imfasslin biex ikunu jistgħu jintużaw mill-utenti kollha.***

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tkun żgurata ugwaljanza totali fil-prattika, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma għandux jostakola kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri speċifiċi sabiex jipprevjeni jew	Sabiex tkun żgurata ugwaljanza totali fil-prattika, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma għandux jostakola kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri speċifiċi ***jew milli jippermetti dawn il-***

jikkumpensa żvantaġġi konnessi ma' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.	***miżuri li jittieħdu mis-settur privat*** sabiex jipprevjeni jew jikkumpensa żvantaġġi konnessi ma' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jintroduċu fis-sistema legali nazzjonali tagħhom dawk il-miżuri kif huma neċessarji biex jiżguraw kumpens jew riparazzjoni effettiva hekk kif l-Istati Membri jiddeċiedu għat-telf u d-dannu mġarrba minn persuna offiża bħala riżultat ta' diskriminazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' din id-Direttiva, b'mod illi huwa diswassiv u proporzjonat għad-danni mġarrba.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp ***jew korpi*** għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. ***Dawn il-korpi jistgħu*** jiffurmaw parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' ***drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi, inkluż*** drittijiet skond atti Komunitarji oħra	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp ***indipendenti*** għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin tagħhom, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali. ***Dan il-korp għandu*** *jifforma* parti minn aġenziji inkarigati fuq livell nazzjonali bid-difiża ta' drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja ta' drittijiet ta' individwi,

inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.	inkluż drittijiet skond atti Komunitarji oħra inklużi d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kompetenzi ta' ***dawn il-korpi*** jinkludu:	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kompetenzi ta' ***dan il-korp*** jinkludu:

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lil dan il-korp b'riżorsi suffiċjenti biex jagħmel il-ħidma tiegħu b'mod effettiv u faċilment aċċessibbli.

Or. nl

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis, kif xieraq, il-perspettivi ta' l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet rilevanti mhux	2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis, kif xieraq, il-perspettivi tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet rilevanti mhux

governattivi, kif ukoll l-Aġenzija ta' Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Skond il-prinċipju dwar studji tas-sessi, dan ir-rapport għandu, inter alias, jipprovdi stima ta' l-impatt tal-miżuri meħuda fuq nisa u rġiel. Fid-dawl tal-informazzjoni li waslet, dan ir-rapport għandu jinkludi, jekk neċessarju, proposti għar-reviżjoni u emenda ta' din id-Direttiva.

governattivi, kif ukoll l-Aġenzija ta' Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ***Ir-rapport għandu jinkludi evalwazzjoni tal-prattiċi kurrenti fl-Istati Membri fir-rigward tal-Artikolu 2 paragrafu 7, rigward l-użu tal-età jew tad-diżabilità bħala fattur fil-kalkolu tal-primjums u tal-benefiċċji.*** Skond il-prinċipju dwar studji tas-sessi, dan ir-rapport għandu, inter alias, jipprovdi stima tal-impatt tal-miżuri meħuda fuq nisa u rġiel. Fid-dawl tal-informazzjoni li waslet, dan ir-rapport għandu jinkludi, jekk neċessarju, proposti għar-reviżjoni u emenda ta' din id-Direttiva.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni ressqet din il-proposta għal direttiva fuq it-trattament ugwali f'Lulju 2008. Kien hemm stennija kbira għal din il-proposta, minħabba li l-Kummissjoni kienet wegħdet, sa mill-2004, li tfassal abbozz ta' 'direttiva wiesgħa'. Ir-rapporteur tiegħek hija kuntenta bil-proposta tal-Kummissjoni, li tfittex li tapplika, barra mis-suq tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni irrispettivament mir-reliġjon jew mit-twemmin, mid-diżabilità, mill-età jew mill-orjentazzjoni sesswali.

L-Artikolu 13 tat-Trattat KE, li ġie inkorporat fit-Trattat ta' Amsterdam fl-1997, jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, fuq l-oriġini razzjali u etnika, fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fuq id-diżabilità, l-età jew fuq l-orjentazzjoni sesswali. L-Artikolu 13 bħalissa jifforma l-bażi legali għal żewġ direttivi. L-ewwel waħda hija d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (Direttiva 2000/43/KE) li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini razzjali u etnika, kemm fis-siq tax-xogħol u kemm barra minnu. L-oħra, id-Direttiva 2007/08, tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol li tkun ibbażata fuq ir-reliġjon, id-diżabilità, l-età u l-orjentazzjoni sesswali.

Minħabba d-differenza fl-ambitu taż-żewġ direttivi, kien hemm żvilupp ta' ġerarkija ta' raġunijiet ta' diskriminazzjoni. Il-proposta li qed nikkunsidraw hija tentattiv li ndaħħlu fis-seħħ il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, tkun xi tkun il-bażi tagħha, fuq l-istess livell. Ir-rapporteur tiegħek tistenna li fl-2010 l-Kummissjoni tressaq proposti li jtellgħu l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru fuq l-istess livell, biex b'hekk din il-ġerarkija titneħħa.

Il-Kummissjoni pprivat tgħaqqad din il-proposta għal direttiva mad-direttiva eżistenti dwar l-ugwaljanza razzjali. Bosta mit-termini huma l-istess, bħad-diskriminazzjoni diretta u indiretta, u l-proċeduri li toħloq huma ekwivalenti wkoll. Għaldaqstant, ir-rapporteur tiegħek ma tħossx li dawn għandhom iżommuna fit-tul.

Madankollu, hemm xi differenzi bejn il-proposta tal-Kummissjoni u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali. Dawn id-differenzi jistgħu jiġu ġġustifikati, għax ir-raġunijiet tad-diskriminazzjoni jvarjaw u mhux kull trattament differenti jista' jitqies bħala diskriminazzjoni. Madankollu, għandu jkun possibbli li tingħata raġuni ċara kli tiġġustifika din id-differenza.

Din il-proposta hija qafas ta' standards minimi li joffru protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. L-Istati Membri jistgħu joffru dejjem livell ogħla ta' protezzjoni, iżda ma jistgħux jiġġustifikaw it-tbaxxija tal-livell kurrenti tagħhom permezz tad-direttiva l-ġdida. Id-direttiva toffri lill-vittmi d-dritt tar-riżarċiment u tagħmilha ċara li l-Istati Membri għandhom ix-xewqa u d-dmir li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni.

Ir-rapporteur tixtieq tenfasizza l-importanza li ssir ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni. Sfortunatament, id-diskriminazzjoni għada kwistjoni attwali fl-Ewropa bħalma hija fil-bqija tad-dinja. Fi stħarriġ speċjali tal-Eurobarometer li sar fl-2008, 15% tal-Ewropej qalu fl-aħħar sena kienu soġġetti għad-diskriminazzjoni. Din għandha tinbidel.

Għandu jkun possibbli li żewġ irġiel jirriżervaw l-istess kamra, li l-persuni b'diżabilità jmorru jagħmlu x-xiri tagħhom u li l-anzjoni jiksbu l-assikurazzjoni.

Numru kbir ta' Stati Membri diġà għandhom, f'xi grad ikbar jew iżgħar, leġiżlazzjoni li tipprovdi protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni barra mis-suq tax-xogħol, ibbażata fuq ir-reliġjon jew t-twemmin, fuq id-diżabilità, fuq l-età jew fuq l-orjentazzjoni sesswali[1]. Huwa importanti li jkollna regolamenti Ewropej koerenti f'dal-qasam sabiex nagħmluha ċara li d-diskriminazzjoni hija pprojbita fl-Ewropa kollha. Il-libertà mid-diskriminazzjoni hija dritt fundamentali u fl-Unjoni għandha tapplika għal kulħadd.

Raġunijiet għad-diskriminazzjoni

Id-Direttiva 2000/78/KE ma fiha l-ebda definizzjoni ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, għalkemm l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja darba tat sentenza dwar it-tifsira ta' 'diżabilità.' Il-Qorti qalet li: "il-kunċett ta' 'diżabilità' għandu jinfthiem li jirreferi għal limitazzjoni li tirriżulta, b'mod partikulari, minn indebolimenti fiżiċi, mentali jew psikoloġiċi u li jtelfu l-parteċipazzjoni tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali."[2]Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tiddefinixxi 'diżabilità' kif ġej: 'Il-persuni b'diżabbiltà jinkludu dwak li għandom ħsarat fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi fuq perjodu twil li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-partċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.' Ir-rapporteur tiegħek ipprovat tipprovdi konnessjoni għal din id-definizzjoni fi premessa ġdida.

Suppożizzjonijiet u assoċċjazzjoni

Fil-każ Coleman (C-303/06) il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret li fid-Direttiva 2000/78/KE mhux biss il-persuni b'diżabilità imma anke l-membri tal-familja tagħhom huma protetti mill-projbizzjoni fuq id-diskriminazzjoni. Ir-rapporteur tiegħek tqis li hija idea tajba, minħabba raġunijiet ta' ċertezza legali, li fid-direttiva dan jidher b'mod espliċitu.

M'huwiex dejjem possibbli li mal-ewwel daqqa t'għajn wieħed ikun żgur mir-reliġjon jew twemmin, mid-diżabilità, mill-età jew mill-orjentazzjoni sesswali ta' xi ħadd, madankollu n-nies jagħmlu kull xorta ta' suppożizzjonijiet abbażi tad-dehra jew tal-isem. Dan jista' jwassal għad-diskriminazzjoni wkoll. Pereżempju, xi subien jingħataw fastidju fl-iskola għax jitqiesu li huma omosesswali, meta dan jaf ma jkunx il-każ. Ir-rapporteur tiegħek tqis li dan huwa daqstabnt ieħor ħażin, u għalhekk qiegħda tipproponi li d-direttiva għandha tinkludi dispożizzjoni espliċita li tgħid li din il-leġiżlazzjoni tkopri wkoll id-diskriminazzjoni li ssir abbażi tas-suppożizzjonijiet.

Eċċezzjoni tal-età

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi għal eċċezzjoni ġenerali għad-diskriminazzjoni li ssir abbażi tal-età. Il-fatt li din id-direttiva ma tipperkludix l-iffissar ta' età speċifika għall-aċċess

[1] McColgan, Niessen u Palmer: Analiżi komparattiva dwar il-miżuri nazzjonali li jikkumbattu d-diskriminazzjoni barra l-impjieg. Studju kunċettwali dwar il-miżuri leġiżlattivi nazzjonali eżistenti – u dwar l-impatt tagħhom – fl-ittrattar tad-diskriminazzjoni barra l-ambitu tax-xogħol li tkun abbażi tas-sess, tar-reliġjon jew twemmin, tad-diżabilità, tal-età jew tal-orjentazzjoni sesswali, Diċembru 2006.
[2] Każ C13-05, raġuni 43. (Chacon Navas)

għall-benefiċċji soċjali, għall-edukazzjoni u għal ċerti prodotti u servizzi ma jibdilx il-fatt li trattament differenti bħal dan irid ikun iġġustifikat b'objettiv leġittimu u li l-mezzi użati għall-kisba tiegħu għandhom ikunu xierqa u meħtieġa. Ir-rapporteur tiegħek tixtieq li din jagħmilha ċara fid-direttiva.

Servizzi finanzjarji

Skont il-proposta, id-differenzi fit-trattament abbażi tal-età u d-diżabilità jistgħu jkun permessi fil-każ tas-servizzi finanzjarji li fihom l-età jew id-diżabilità jkun fattur importanti fl-evalwazzjoni tar-riskju bbażat fuq id-data attwarjali preċiża jew statistika. Id-Direttiva 2004/113/KE fiha dispożizzjoni simili, iżda tinkludi r-rekwiżit li din id-data ssir pubblika. Għalhekk ir-rapporteur tipproponi li dan ir-rekwiżit ikun adattat għal din id-direttiva wkoll.

Stat Ċivili,

Il-leġiżlazzjoni dwar iż-żwieġ ma taqax fl-ambitu tar-responsabilità tal-UE. Kull Stat Membru jista' jilleġiżla għalih innifsu dwar liema kundizzjonijiet in-nies iridu jissodisfaw sabiex jiżżewġu. Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni għandha tippermetti wkoll id-diskriminazzjoni fir-rigward tad-drittijiet riproduttivi, bħall-isterilizzazzjoni. Ir-rapporteur tqis li din mhix ħaġa mixtieqa u għalhekk emendat it-test u rristrinġiet l-eċċezzjonijiet.

...xi ħaġa dwar Maruko, dwar 2000/78/KE? Jiddependi mit-tweġiba mis-servizz legali.

Edukazzjoni

L-iskejjel li jkunu bbażati fuq sett ta' valuri partikulari jistgħu jirrifjutaw studenti li ma jkunux iridu jikkonformaw mal-etos tal-iskola. Din m'għandhiex twassal għal diskriminazzjoni abbażi ta' xi raġuni oħra ħlief dik tar-reliġjon jew it-twemmin. Diġà hemm artikolu b'effett ekwivalenti fid-direttiva dwar it-trattament ugwali fis-suq tax-xogħol (2000/78 KE).

Diżabilità

Sabiex niggarantixxu t-trattament ugwali għall-persuni b'diżabilità, m'huwiex biżżejjed li nipprojbixxu d-diskriminazzjoni. Jeħtieġ ukoll li tittieħed azzjoni pożittiva fil-forma ta' miżuri meħuda b'antiċipazzjoni u billi jiġu offruti adatazzjonijiet xierqa. Pereżempju, il-bini pubbliku għandu jkun aċċessibbli għal persuni li jkunu bis-siġġu tar-roti.

Ir-rapporteur tiegħek qiegħda tipproponi li għall-prinċipju tal-aċċess effettiv u mhux diskriminatorju għandu jkun hemm żewġ eċċezzjonijiet biss: L-ewwel waħda hija meta dan jinvolvi piż li ma jkunx raġonevoli. Il-qrati għandhom jiddeċiedu meta jkun hemm tali sitwazzjoni f'każ individwali. Meta jittieħdu deċiżjonijiet bħal dawn, huwa importanti li jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, inklużi d-daqs tal-organizzazzjoni, l-ispejjeż u l-vantaġġi possibbli ta' aċċess aħjar għall-persuni li jkollhom xi diżabilità. F'pajjiżi fejn din diġà hija prattika standard, jidher li huwa rari li l-ispiża tkun fattur. It-tieni forma ta' eċċezzjoni hija meta miżura tkun tirrikjedi bidla fundamentali fis-servizz offrut. Dan jista' jkun il-każ meta s-servizz inkwistjoni jispiċċa jsir servizz differenti għalkollox.

Kumpens

L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2004/113/KE jitlob lill-Istati Membri li jintroduċu kemm ikun hemm bżonn minn miżuri bħal dawn sabiex jaċċertaw kumpens jew riparazzjoni reali u effettiva għat-telf u d-dannu mġarrba kaġun ta-diskriminazzjoni. Ir-rapporteur tiegħek qiegħda tipproponi li d-dispożizzjoni għandha tkun inkluża wkoll f'din id-direttiva, sabiex iċ-ċittadini li jkollhom xi ilment ikollhom riżarċiment effettiv.

Korp indipendenti wieħed

Il-Kummissjoni qed tippropni li l-Istati Membri għandu jkollhom korp jew korpi fuq livell nazzjonali li jippromwovu t-trattament ugwali taċ-ċittadini. Il-Premessa 28 tal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU li jirrigwardaw l-istatus u t-tħaddim tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Ir-rapporteur tiegħek qiegħda tipproponi li l-prinċipji tal-indipendenza u tar-riżorsi adegwati jkunu msemmija b'mod espliċitu fid-direttiva.